**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-27 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 615/2021 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**KB**

**U**

**ZB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt u guramentat ta' KB u ZB datat 15 ta' Dicembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015), vide kopja tac-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok KB1;*

2. *Illi l-partijiet qasmu u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom permezz ta' separazzjoni personali bonarja u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Roberta Borg datat 14 ta' Settembru 2021 anness u mmarkat bhala Dok KB2;*

3. *Illi miz-zwieg il-partijiet ghandhom zewgt (2) LB li twieled f'X u CB li twieldet f'Y;*

4. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati mill-11 ta' November 2020 kif jirrizulta minn klawsola (C) tal-kuntratt ta' separazzjoni;*

5. *Illi l-partijiet jiddikjaraw li ma hemmx pendenzi rigwardanti manteniment;*

6. *Illi ma hemmx jissodisfaw il-kriterji taht l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta biex jottjenu d-divorzju;*

*Ghal dawn il-motivi l-partijiet umiment jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

i) *Tiddikjara li z-zwieg taghhom hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;*

ii) *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tal-avukat difensur tal-partijiet Dr Maria Azzopardi li permezz tieghu informat lill-Qorti li l-partijiet ma ghandhomx provi ultejruri x'jipprovdu u stiednet lill-Qorti tippronunzja s-sentenza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**KB xehed** (vide affidavit fol 14) illi l-partijiet ilhom mizzewgin ghal dawn l-ahhar sitt (6) snin u kellhom zewgt itfal. Sostna illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' kuntratt konsenswali f'Settembru 2021, izda ddikjara illi il-konjugi kienu ilhom jghixu separatament sa minn Novembru 2020. Xehed illi qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejniethom u lanqas ma hemm tama tal-istess. Di piu' sostna illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom u flimkien iddecidew li jipprocedu bid-divorzju.

**ZB xehdet** (vide affidavit fol 16) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed Keith Balzan.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat,***

> ***fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-24 ta' Gunju 2015, liema zwieg jgib certifikat numru 1546/2015 (Vide certifikat taz-zwieg, dok KB1 a fol 5). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Roberta Borg nhar l-14 ta' Settembru 2021 (vide kuntratt ta' separazzjoni, fol 6 et seqq.). Jirrizulta di piu', illi l-partijiet ilhom jghixu separatament minn Novembru 2020, ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mil-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1546/2015 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**